**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 15 ta' Ottubru 2024**

**Rikors Nru. 1136/2019 GM**

**Av Paul Gonzi (486282 (M) kif debitament awtorizzat bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' ELLIM Limited (027252B)**

**vs**

**Ace Aviation Services Limited (C 74986) u b'digriet tat-18 ta' Ġunju 2024 l-isem "Ace Aviation Services Limited" ġie jaqra "Challenge Aviation Services Limited"**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' l-Avukat Paul Gonzi bħala mandatarju speċjali tal-kumpannija Ellim Limited (027252B) li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

> 1. L-esponent huwa debitament awtorizzat jagħmel dan ir-rikors għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Ellim Services Limited (027252B), kumpanija reġistrata f'Isle of Man ta' Craig Lea, Fistard, Port St Mary, Isle of Man, IM9 SPQ.

2. Fis-7 ta' Settembru tal-2018 ir-rikorrent nomine Ellim Services daħlet f' Sevices Agreement għal żmien definit ta' tliet (3) snin mas-soċjeta' konvenuta (anness u mmarkat bħala Dok AZI), fejn is-soċjeta' Ellim Limited obligat ruħha illi tiprovdi s-servizzi ta' 'pilot', dan tramite l-imsemmi Anton Zotti. Dan b'pagament mensili ta' sitt elef tliet mija u ħamsa u sebgħin ewro (€6,375), li tela' għal ammont mensili ta' tmien telef u ħames mitt ewro (€8,500) wara li kien spiċċa t-Training Period kif definit fl-istess Dok AZI.

3. Kif jidher ċar mill-kuntratt surreferit, u mil-liċenzja mogħtija lil Anton Zotti mill-United Kingdom Ċivil Aviation Authority (anness u mmarkat bħala Dok AZ2), Anton Zotti kellu l-kwalifiki meħtieġa msemmija fil-ftehim ta' bejn il-partijiet biex ikun jista' jipprovdi s-servizzi mitluba.

4. Is-soċjeta' rikorrenti baqgħet toffri s-servizzi tas-Sur Zotti bħala pilota mas-soċjeta' konvenuta ACE Aviation Services Limited (il-quddiem "ACE") sa Lulju tal-2019.

5. Is-Sur Zotti, bħala l-pilota inkarigat esklussivament mill-kumpanija Ellim Limited, u cioe' ma setax joffri s-servizzi tiegħu lill-kumpaniji oħrajn, u bħala l-pilota magħżul minn ACE, baqa' disponibbli matul iż-żmien kollu illi s-Services Agreement kien applikabbli, minkejja l-fatt illi dan sofra minn nuqqas kbir ta' flying hours illi huwa jkollu bżonn biex jibqa' attiv u jżomm il-liċenzja ta' pilota, u l-fatt illi kienu ACE stess illi għażlu li ma jħalluhx itir għal raġunijiet li jafu huma biss.

6. Tul dan il-perjodu kollu s-soċjeta' esponenti qatt ma ħallset l-invoices li nħarġu minn Ellim Limited, li nħarġu b'mod mensili, u dan mingħajr ebda raġuni valida (annessi u mmarkati bħala Dok AZ3).

7. Tul il-bidu tal-ħajja tas-Services Agreement minħabba l-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti ma kellhiex kont bankarju, is-soċjeta' ACE qalet illi ma setgħetx tħallas l-invoices.

8. Wara s-soċjeta' rikorrenti ġiet mitluba tipprovdi kont bankarju ieħor lill-ACE sabiex ACE tkun tista' tħallas l-invoices pendenti, dan seħħ billi s-soċjeta' rikorrenti u ACE daħlu Agreement Relating to the Payment of Professional Fees

f'Ġunju tal-2019 (anness u mmarkat bħala Dok AZ4), iżda l-unika ammont li ġie ttrasferit kien wieħed ta' elf Euro (€1,000) li ġie ttrasferit bħala prova, liema ammont huwa żgħir ħafna mill-ammonti dovuti lis-soċjeta' rikorrenti minn ACE.

9. Minkejja li s-soċjeta' rikorrenti u ACE daħlu f'Agreement Relating to the Payment of Professional Fees f'Ġunju tal-2019 biex jitħallsu l-invoices pendenti, l-ebda invoice ma tħallset minn ACE.

10. Is-soċjeta' rikorrenti, f'Ġunju tal-2019 iddeċediet li unilateralment kienet ser twaqqaf is-Services Agreement bejnha u s-soċjeta' konvenuta u dan abbażi tal-Artikolu 12.2 tal-istess ftehim illi tagħti liż-żewġ partijiiet il-possibilita' li jitterminaw is-Services Agreement billi jagħtu tletin ġurnata notice.

11. Wara li ma rċeviet ebda aħbar minn ACE, is-soċjeta' rikorrenti b'ittra datata l-11 ta' Lulju (annessa u mmarkata bħala Dok AZ5), ġiet infurmata illi s-soċjeta' konvenuta kienet qiegħda tittermina s-Services Agreement abbażi tal-Aritkolu 12.4 tal-istess ftehim.

12. Is-soċjeta' rikorrenti ċaħdet kategorikament illi dan l-Artikolu 12.4 għandu jiġi applikat u minkejja dan, jekk dan kellu jiġi applikat, xorta waħda kif stipulat fl-Artikolu stess, "the Service Provider shall only be entitled to such payments as shall have accrued to the date of termination.".

13. Minkejja li l-ftehim ġie tterminat, ir-rikorrenti għadha sal-ġurnata tal-lum ma tħallsitx l-ammonti dovuti lilha għas-servizzi li ġew mogħtija minn Settembru tal-2018 sa Lulju tal-2019.

14. Fit-8 ta' Ottubru 2019 ġiet mibgħuta ittra uffiċjali lil ACE (annessa u mmarkata bħala Dok AZ6) fejn is-soċjeta' rikorrenti interpellat lil ACE sabiex tħallas is-somma dovuta lilha ta' erbgħa u tmenin elf, erba' mija u sitta u ħamsin ewro (€84,456) rappreżentanti l-invoices li ma tħallsux.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tikkonferma illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tar-rikorrent nomine fl-ammont ta' erbgħa u tmenin elf, erba' mija u sitta u ħamsin ewro

(€84,456) rappreżentati tas-servizz provdut lis-soċjeta' konvenuta mis-soċjeta' nomine għall-perjodu ta' żmien bejn Settembru 2018 u Lulju 2019;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' rikorrenti riżultanti mill-fatt illi l-pilota tagħha Anton Zotti sofra nuqqas ta' flying time matul l-impjieg tiegħu taħt is-Services Agreement u għaldaqstant tilef fil-valur tiegħu bħala pilota u wieħed mill-assi tas-soċjeta' rikorrenti.

3. Tordna l-konsegwenti ħlas tad-danni hekk kif likwidati bl-interessi u spejjeż kontra s-soċjeta konvenuta. Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċjali nru 3930/2019.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' ACE Aviation Services Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

1. It-talbiet tar-rikorrenti huma infondati bil-fatt u fid-dritt għaliex minkejja l-ftehim, irriżulta illi s-soċjeta' attriċi qatt ma pprestat is-servizz rikjest ta' pilot. Ir-raġuni hija illi l-licenceholder ta' Pilot li kienet f'isem Anton Zotti. Irriżulta illi minħabba xi diffikulta' fiskali li kellu s-Sur Zotti ma' l-awtoritajiet fiskali Amerikani, dan ma setax itir ġewwa l-iStati Uniti tal-Amerika, fejn is-servizz tiegħu kien rikjest. Għalhekk l-eċċezzjoni hija l-inadempjenza kontrattwali tas-soċjeta' attriċi; ma tistax tippretendi l-ħlas meta ma kenitx f'pożizzjoni li tagħti, u effettivament, ma tatx is-servizz;

2. Inoltre l-esponenti għamlet sborsi u nefqet spejjeż, fosthom fi *training* mandatorju li ibbenefika minnu l-esponenti, u liema ammont huwa kwantifikat f'dsatax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin Euro erbatax-il ċenteżmu (€19,976.14), u għal irkupru ta' liema ammont l-esponenti qed tipproċedi rikonvenzjonalment.

Rat il-Kontro Talba rikonvenzjonali ta' ACE Aviation Services Limited li permezz tagħha wara li ppremettiet illi :

1. In segwitu għall-kuntratt li kellha s-soċjeta' konvenuta rikonvenjenti mas-soċjeta' attriċi, l-esponenti nomine ħallset l-ammont ta' dsatax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin

Euro erbatax-il ċenteżmu (€19,976.14), bħala training għal pilota Anton Zotti, liema training huwa regolarment rikjest fuq bażi kontinwa;

2. Għalkemm it-training ħadu l-pilota, il-konvenuta rikonvenjenti sofriet danni minħabba l-inadempjenza attriċi u kienet ukoll l-attriċi li indirettament il-benefiċċju illi l-pilota li tiegħu hija s-soċjeta', kellha asset fil-kwalifika u training tal-pilot;

3. Dan l-ammont il-konvenuta spiċċat biex ħalsitu inutilment, minħabba l-inadempjenza attriċi u għalhekk qed tirreklama r-risarċiment tad-danni minnha subiti;

4. Kif inhuwa magħruf, il-kontrotalba testendi l-ġurisdizzjoni imma mhux neċessarjament il-kompetenza: f'dan il-każ pero', il-kontrotalba qed issir f'Qorti li mhux biss akkwistat il-ġurisdizzjoni minħabba l-azzjoni attriċi, imma wkoll taqa' fil-kompetenza ordinarja tagħha;

5. Għal dawn id-danni, għandha twieġeb is-soċjeta' attriċi rikonvenuta,

Talbet lil din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' attriċi rikonvenuta hija responsabbli li tikkompensa fuq bażi ta' danni subiti mill-konvenuta rikonvenjenti l-ammont ta' dsatax-il elf disa’ mija u sitta u sebgħin Euro erbatax-il ċenteżmu (€19,976.14);

2. Tikkundanna lis-soċjeta' attriċi rikonvenuta tħallas lis-soċjeta' konvenuta rikonvenjenti l-ammont ta' dsatax-il elf disgħa mija u sitta u sebgħin Euro erbatax-il ċenteżmu (€19,976.14);

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Avukat Paul Gonzi nomine għall-kontro-talba li permezz tagħha eċċepixxa illi:

1. L-esponent huwa debitament awtorizzat jagħmel din ir-risposta għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Ellim Services Limited (027252B), kumpanija reġistrata f’Isle of Man, ta' Craig Lea, Fistard, Port St. Mary, Isle of Man, IM9 SPQ, skont il-prokura annessa u mmarkata mar-rikors ġuramentat u mmarkata bħala 'Dok A';

2. It-talbiet tas-soċjeta' konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda għar-raġunijiet segwenti;

i. Kif ġa esebit fis-Services Agreement bejn Ace Aviation Services Limited u Ellim Limited datat 7 ta' Settembru 2018 ('Dok AZ1'), m'hemm l-ebda obbligu biex Ellim Limited tħallas jew tirrimborża lil Ace Aviation Services Limited għal taħriġ jew training t'ebda tip, u fl-istess Services Agreement f'klawżola 4.3 tistipula wkoll illi "The Operator covers the costs for the regular courses and training of the Pilot', li għalhekk huwa l-obbliġu u r-responsabbilita' ta' Ace Aviation Services Limited li tħallas għal regular courses and training;

ii. Is-Sur Zotti, neċessarjament kellu jingħata taħriġ sabiex ikun jista' joffri s-servizzi ta' pilota speċjalizzata li kienu meħtieġa minn Ace Aviaiton Services Limited u allura m'għandux ikun hemm l-ebda dubju li din għandha tkun responsabbli għall-ammonti dovuti għat-taħriġ, u f'kull każ is-soċjeta' Ace Aviation Services Limited qed tressaq din it-talba biss b'mod vessatorju għaliex li ma kienx għat-talbiet rikorrenti f'din il-kawża, is-soċjeta' intimata ma kenitx ser tipprova tivvinta jew tirreklama xi ammont li taf, jew li messha kienet taf, li mhux dovut;

3. F'kull każ l-ebda ammont mhu dovut mis-soċjeta' rikorrenti lis-soċjeta' intimata;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

<u>Fatti</u>

Fis-**7 ta' Settembru 2018**, l-attriċi daħlet fi ftehim mal-kumpanija konvenuta sabiex tipprovdilha s-servizz ta' Anton Zottl bħala bdot għal żmien tliet snin. Anton Zottl, huwa l-uniku direttur l-kumpanija attriċi. F'dan il-ftehim, Zottl kellu

jibda jieħu ħlas ta' €6,375 tax-xahar, li mbagħad jitla' għal €8,500 wara li jispiċċa l-perjodu ta' taħriġ.[1]

Il-kwistjoni li tat lok għal dawn il-proċeduri hija  jekk Anton Zottl setax jagħmel titjiriet minn u lejn l-Istati Uniti. Dan għaliex il-proċedura sabiex ittir minn u lejn l-Istati Uniti tinħtieġ illi l-ekwipaġġ irid ikollu jew visa  inkella *residency green card* li tingħata biss lil min ikollu residenza ġewwa l-Istati Uniti. Zottl għandu proprjeta` fl-Amerka li tintitolah għall-*green card*.  Il-konvenuta ssostni illi kemm-il darba talbitu jagħti kopja ta' din il-*green card* sabiex tiddaħħal fis-sistema tagħha iżda dan qatt ma sar. Zottl jirribatti illi kien wera din il-*green card* lil xi mpjegati tal-kumpanija konvenuta iżda ma xtaqhomx jieħdu kopja tagħha peress li mhux korrett li jsir dan skond l-*policies* tal-Istati Uniti.

Diversi xhur wara l-ingaġġ tiegħu, Zottl iltaqa' ma' problema bil-*green card* minħabba xi problemi mal-awtoritajiet tat-taxxa wara bejgħ ta' proprjeta` ġewwa l-Istati Uniti. Il-konvenuta nterpretat il-fatt li Zottl ma jistax itir minn u lejn l-Istati Uniti bħala ksur tal-obbligi kuntrattwali tiegħu u għalhekk temmitlu l-impjieg fil-11 ta' Lulju 2019.

Zottl qed jitlob il-ħlas tar-rinumerazzjoni tiegħu matul iż-żmien li dam ingaġġat mal-konvenuta iżda ma kinitx għadha ġabet il-liċenzji meħtieġa u l-konvenuta proċediet b'kontro-talba li permezz tagħha qed titlob ir-rifużjoni tal-ispejjeż tat-taħriġ li tat lil Zottl waqt li kien inġaġġat magħha fis-somma ta' €19,976,14.

[1] Dok. AZ1 a fol. 7.

Il-Kwistjoni tal-*green card*

Bħala retroxena Zottl jispjega illi sar resident Amerikan fis-sena 1985 u xtara proprjeta` ġewwa l-Istati Uniti madwar is-sena 1990. Jgħid li kellu żewġ proprjetajiet fl-Istati Uniti, waħda kien joqgħod fiha u l-oħra kienet art qed tiġi żviluppata ġewwa Florida. Ġaladarba fil-mument tal-ingaġġ mal-konvenuta kellu proprjeta` ġewwa l-Amerka, awtomatikament seta' jidħol fil-pajjiż permezz ta' din il-*green card* mingħajr ma tinħariglu visa bħala ekwipaġġ. Il-konvenuta irid ikollha kopja ta' din il-*green card* sabiex tintbgħat lit-*Trasportation Security Administration (TSA) database* fl-Istati Uniti u hekk ikollhom informazzjoni dwar min dieħel u ħiereg mill-pajjiż.

Sara Giagnacovo, *Operations Officer* mal-konvenuta, tispjega fl-affidavit tagħha[2] li xogħolha huwa li tissorvelja "*the maintanance and collection of crew records and operations information, as well as the maintenance of crew licences, medical records, passports, visas and other relevant documentation*".[3] Tispjega illi meta bdot jiġi mpjegat ma' kumpanija tal-avjazzjoni jrid juri u jgħaddi kopja tad-dokumenti u liċenzji kollha tiegħu. Jiġifieri jekk tkun parti mill-ekwipaġġ lejn l-Istati Uniti, l-Istati Uniti jrid ikollhom informazzjoni dwar il-*visa* jew *green card* sabiex tiġi aċċettat ġewwa l-pajjiż. Jekk il-kumpanija ma jkollhiex dawn id-dokumenti ma tistax tħalli lill-ekwipaġġ mingħajrhom, itir lejn l-Istati Uniti. Tgħid illi talbet lil Zottl jipproduċi l-*green card* tiegħu diversi drabi permezz ta' emejls, darba fid-29 ta' Jannar 2019[4] u darbtejn fl-4 ta' Frar 2019 fejn fl-aħħar irrisponda

[2] Fol. 95.
[3] Fol. 95.
[4] Fol. 97.

illi għandu *green card* iżda  li "*I'm not allowed to copy it as by US immigration policy. But I'm happy to show it to you next time I'm in LGG (Liege)"*.[5]

Giagnacovo tiftakar illi hu kien uriehom il-*green card* tiegħu meta mar l-uffċċju ġewwa Liege, il-Belgju iżda qatt ma tahom kopja tagħha. Ma kinitx waħedha meta urielha iżda kien hemm impjegat ieħor. Dan l-impjegat ma ġiex prodott bħala xhud. Peress li kienet sitwazzjoni ambigwa, kienet kellmet lil manager superjuri tagħha Sten Rossby u ħalliet f'idejh.

Rigward din il-kwistjoni, waqt il-kontro-eżami tiegħu, Zottl jgħid li għalkemm ma setax jagħti kopja tal-*green card* tiegħu, fil-verita', wara din il-korrispondenza, kien ta kopja tagħha lil ċerta Sue Martin li kienet Head of HR li kellu aktar kunfidenza magħha.[6] Thomas Haeder li huwa xhud ieħor prodott mill-attriċi huwa, jgħid illi Zottl ippreżentalu il-*green card*, ħa kopja tagħha u refagħha fis-*server* tal-kumpanija u ġabha għall-attenzjoni tal-*management*.

Il-konvenuta ġabet il-liċenzji neċessarji f'Marzu/April sabiex ittir lejn l-Istati Uniti u kienet se tibda topera dawn il-vjaġġi f'Lulju 2019[7]. Riedet lil Zottl jagħmel dawn it-titjiriet peress li kellu esperjenza biex isuq l-ajruplani li jintużaw f'dawn il-vjaġġi twal.

L-imsemmi Rossby ikkuntattja lil Zottl fl-20 ta' Ġunju 2019 permezz ta' emejl jinfurmah *li  we will start to operate exclusively to the US in July. Are you all set with all your admin?* ***Your green card has been set into our Master Crew List that will go to the TSA for clearing.***[8] **(enfasi miżjuda)**.   Zottl irrisponda:

---

[5] Fol. 98.
[6] Fol. 199.
[7] Fol. 145.
[8] Fol. 145.

*....Yes I'm struggling immensely as by an innocent act of selling a property I opened a can of worms (not filled taxes for 32 years).*

*I was very hopeful to have my issues sorted by now but on top of it US immigration want me to change my green card. I was going to contact you and or Eshel for guidance and advice. Realistically I need about 3 or 4 months to sort IRS and green card issues.....*[9]

Sussegwentement Zottl kien ċempel lil Eshel Heffetz - *chief executive officer* tal-konvenuta biex jitolbu ftit xhur ta' *leave* sabiex jirranġa s-sitwazzjoni tiegħu.

Fl-24 ta' Ġunju 2019 Zottl bgħat emejl lil Eshel Heffetz fejn kiteb:

*With reference to my previous email and our telephone conversation I understand that you are not offering (recte offerring) unpaid leave for a few month (recte months). I hereby resign form (recte from) ACE and give you the required one month notice my last day of employment is 23.07.2019. I trust this is in your best interest and what you would prefer me to do.*

*Hopefully I will be able to re-join ACE at your convinience.*[10]

Fis-27 ta' Gunju 2019 l-imsemmi Eshel Heffetz bagħat ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg lil ċertu Mark Attard, impjegat tal-konvenuta, fejn jgħid:

*As the pilot does not hold the required authorizations and approvals to perform the services and the assignments in the US, the Operator hereby request Ace Services, pursuant to section 6.1 of the Agreement, that the Pilot will be withdrawn from the services and ceases to provide any services to the Operator pursuant to the Agreement, with immediate effects as of the date of this letter*.[11]

Fil-11 ta' Lulju 2019, intbgħatet ittra ta' terminazzjoni tal-impjieg lill-kumpannija attriċi:

[9] Fol. 145.
[10] Fol. 146.
[11] Fol. 147.

*This letter is being sent in terms of Clause 12.4 of the Service Agreement by which the company has the right to terminate the service Agreement, without prior notice (written or otherwise) should there be any breach or default by the service Provider of any of its obligations .......*

*Upon entering into the Service Agreement, the Service Provider was provided with a good understanding of the worlwide operations conducted by the company and its associated companies. In fact, during an introductory meeting... the company provided a detailed overview of the Group's business activities and made clear its intention to penetrate the U.S. market. An extract of the informative material that was provided to you during the said introductory meeting is being enclosed.....*[12]

L-ittra tkompli:

*In December 2018, the Service Provider was notified that the Group shall be operating flights to and from the U.S. territory and that its services shall be required for this purpose. For this reason, the Group informed the Service Provider that a copy of the green card of the pilot engaged with the Service Provider (i.e. your good self) shall be submitted to the U.S. Transportation Security Administration for processing purposes.*

......

*In June 2019, the Service Provider informed the Group that the pilot had failed to pay his taxes in the U.S. for over thirty (30) years and therefore the U.S. immigration authorities raised issues relating to the pilot's green card. Additionally, the Service Provider informed the Group that discussions on the matter with the U.S. Internal Revenue Services (IRS) and the U.S. Immigration Authorities shall take around three (3) to four (4) months to conclude. The Service Provider made it clear that, until the issues with the IRS and the U.S. Immigration Authorities are resolved, the pilot engaged with the Service Provider shall be unable to fly to and from U.S. territory.*[13]

Waqt il-kontroeżami tiegħu, Zottl ċaħad li ma setax jidħol fl-Istati Uniti. Anzi jgħid li fi Frar 2019 kien għamel *observation flight* lejn New York u kien anke ġedded il-passaport tiegħu ġewwa l-Istati Uniti fi Frar ukoll. Ippreżenta kopja tal-passaport li juri li ġie maħruġ minn Washington D.C.

[12] Fol. 149.
[13] Fol. 150.

Eshel Heffetz jispjega waqt il-kontroeżami tiegħu illi mingħajr visa jew *green card pilot not allowed to enter the US on the commercial duty. He can maybe fly as a passenger but this is something else*.[14]

Zottl jgħid illi użawh u użaw l-esperjenza ta' sebgħa u tletin sena tiegħu sabiex jiksbu l-liċenzja meħtieġa biex itiru madwar id-dinja. Dan jikkonfermah ukoll Thomas Haederli li kien inkarigat mit-taħriġ tal-kumpanija intimata, u jgħid li Zottl ma kellu l-ebda problema waqt it-taħriġ tal-kumpanija anzi irrimarka illi l-konvenuta '*was a startup and the new experienced pilots are a bonus to get the operator's licence... so he was a bonus too with his experience to the company".*

Matul iż-żmien li Zottl għamel impjegat mail-konvenuta, m'għamilx titjira waħda, fatt inkwetanti immens għalih għaliex pilota jrid ikompli jakkumula il-*flying hours* kull xahar biex l-esperjenza tiegħu tibqa' valida.

Kwistjoni ta' pagamenti

Il-kumpanija attriċi sabet problema sabiex tiftaħ kont bankarju f'isimha u għalhekk il-konvenuta ma setgħetx tgħaddi l-pagamenti. Il-konvenuta ma sabet l-ebda problema li tgħaddi l-pagamenti fil-kont personali ta' Zottl. Kien għalhekk li fit-18 ta' Ġunju 2019, disa' xhur wara li ġie ingaġġat, il-partijiet ftiehmu dwar *professional fees* li kellhom jiġu ddepożitati direttament fil-kont personali ta' Zottl. Fl-20 ta' Ġunju 2019 ġew iddepożitati €1,000 bħala prova. Il-konvenuta

[14] Fol. 238.

tgħid li ma sar ebda pagament ieħor għax sadanittant Zottl kien infurmaha li ma setax itir lejn l-Istati Uniti minħabba problemi fiskali.

Heffetz semma illi kien hemm piloti oħra li ma għamlu l-ebda titjira u xorta ġew imħallsa. Meta mistoqi għaliex Zottl ma tħallasx jgħid għax ma żvelax il-problema tal-*green card* mill-ewwel.

**Ikkunsidrat**

Jidher illi l-konvenuta kellha fil-pussess tagħha kopja tal-*green card* ta' Zottl, għalkemm din ma ngħatatx lil persuna inkarigata li tiġbor tali dokumentazzjoni. U jista' jkun li għalhekk kien hemm xi nuqqas ta' ftehim bejn  l-impjegati tal-istess soċjeta` konvenuta.  Pero' joħroġ ċar il-fatt illi l-problema tal-*green card* inqalgħet meta Zottl biegħ il-proprjeta' li kienet tinsab ġewwa Florida u kien għalhekk li talab tlieta jew erba' xhur sabiex jirratifika s-sitwazzjoni tiegħu. Sa dak iż-żmien, Zottl kien għadu qatt ma ġie nkarigat jagħmel titjira waħda.  Jidher li l-intiża kienet illi Zottl kellu jkun inkarigat minn titjiriet fuq ajruplani kbar li jtiru distanzi twal u għalhekk wara tant xhur ta' stennija li fihom Zottl xorta kellu jitħallas tagħhom, il-konvenuta f'Marzu/April 2019 kellha indikazzjoni li tista' tibda topera lejn l-Istati Uniti f'Lulju 2019. Meta f'Ġunju 2019 inqalgħet il-kwistjoni tal-*green card,* il-konvenuta ma riditx tistenna xi erba' xhur sakemm il-bdot li kienet ingaġġat, ikun jista' jtir lejn l-Istati Uniti.

Ta' min jinnota illi Zottl irriżenja minn jeddu u l-aħħar ġurnata tal-impjieg tiegħu kellha tkun it-23.07.2019 bit-tama li jerġa' jiġi ngaġġat la darba jirranġa s-

sitwazzjoni tiegħu. Iżda jidher li l-konvenuta ma xtaqitx tistenna ftit jiem oħra għalhekk itterminatlu l-impjieg fil-11 ta' Lulju 2019, tnax-il ġurnata qabel.

Sa Ġunju 2019, jidher għallinqas mill-provi disponibbli li Zottyl kellu l-*green card* valida. Il-fatt li m'għamel l-ebda titjira ma kienx tort tiegħu. Sadanittant il-konvenuta bbenefikat mill-ingaġġar ta' Zottyl bħala pilota t'esperjenza sabiex setgħet takkwista l-liċenzji neċessarji. Għalhekk l-attriċi kienet intitolata għas-salarju. Dan iżda sal-11 ta' Lulju 2019 billi l-impjieg ġie tterminat għal raġuni ġusta ċjoe` tort attribwibbli lill-attriċi. Għalhekk jekk jitnaqqsu tnax-il ġurnata, l-ammont ta' salarju jsir €84,456 - €3,400 = €81,056.

Minħabba l-inadempjenza tal-attriċi, il-konvenuta għamlet spiża għalxejn biex ħarrġet lill-bdot. Ta' dan għandha tiġi kkumpensata. Għalhekk €81,056 - €19,976.14 = €61,079.86.

Minħabba d-dewmien biex iġġib il-liċenzji meħtieġa biex topera, il-bdot tilef il-*flying hours* u dan preżumibilment ikkawżalu dannu. B'danakollu ma ġab l-ebda prova ta' entita` ta' dan id-dannu u għalhekk il-Qorti mhix f'qagħda li tillikwidah.

***Decide***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel u t-tielet talba tal-attriċi billi tillikwida l-ammont ta' €81,056 dovuti bħala salarju mill-konvenuta; tiċħad it-tieni talba; tilqa' l-ewwel u t-tieni kontrotalba; tpaċi ż-żewġ ammonti u għalhekk

tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' €61,079.86 bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv.

Spejjeż tal-kawża ewlenija a kariku 1/5 tal-attriċi u 4/5 tal-konvenuta; spejjeż tal-kontro-talbiet a kariku tal-attriċi.

Moqrija

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA